Minuti ta' kontinwazzjoni tat-tmienja u erbgħin (48) laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fis-Sala tal-Kommunita it-Tlieta 21 ta' Ġunju 2011 fis-6.00pm.

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:

<u>Sindku</u>: Is-Sur Saviour Borg

<u>Kunsilliera</u>: Is-Sur Horace Micallef
Is-Sur Lorry Apap
Il-Kunsillier Victor Cefai

<u>Segretarju Eżekuttiv</u>: Is-Sur Karl Vella

## 1. TALBA

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv beda l-laqgħa permezz ta' talba.

## 2. QARI, KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Inqraw il-minuti tal-laqgħa t'urġenza li saret nhar it-23 ta' Mejju mis-Segretarju Eżekuttiv. Dawn ġew approvati mill-membri tal-Kunsill u ġew iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u mis-Sindku.

## 3. GĦOTI TA' OFFERTI

### 3.1 FONQ 04/2010 - Twaqqiegħ u Bini tat-Tieni Fażi taċ-Ċentru Ċiviku

Il-Kunsill ircieva 5 offerti: John Farrugia (€38,737.69); Louis Zammit (€35,900.65); J Portelli Projects (€23,598.17); Leonard Tabone (€29,339.65); u Peter Paul Said Constructions (€24,570.02).

Il-membri tal-Kunsill qablu li ngħaddu l-offerti kollha lill-Perit Gordon Vella, li hu nkarigat mill-Kunsill sabiex jipprepara r-rapport tal-aġġudikazzjoni tal-offerta. Il-membri tal-Kunsill qablu li x-xogħol għandu jingħata lill-orħos kuntrattur li jkun laħaq l-ispecifications u kundizzjonijiet kollha li hemm fid-dokument tal-offerta.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri tal-Kunsill li Peter Paul Said Constructions ġabu ittra l-uffiċċju tal-Kunsill fejn talbu lill-Kunsill sabiex jingħataw lura l-€100 li reġgħu ħallsu sabiex jakkwistaw kopja tal-offerta għat-twaqqiegħ u bini tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku, peress li din l-offerta ħarġet darbtejn. Il-membri tal-Kunsill qablu li nieħdu parir mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali.


MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana
Tel: 21558877 Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

**3.2 FONQ 03/2010 – Tindif u Manutenzjoni tal-Public Convenience**

Il-Kunsill ircieva 6 offerti: Saviour Xiberras (€1,998); Georgia Schembri (€3,000); Christopher Cutajar (€1,920); Joscar Camilleri (€2,900); Nicholas Zammit (€1,476) u John Farrugia (€7,000).

Peress li l-orħos offerta kienet ta' Nicholas Zammit, hu ġie msejjaħ sabiex jattendi għal din il-laqgħa sabiex tiġi diskussa l-offerta, dan peress li l-kuntratt ta' qabel kien għalaq. Is-Sindku spjega lil Nicholas Zammit li jridu jitnaqsu 5% tal-*Contract Manager* mill-ammont li hu tefgħa għal dan ix-xogħol peress li l-Kunsill ser jieħu ħsieb il-management tal-*public convenience*. Nicholas Zammit ma sab l-ebda oġġezzjoni. Is-Sindku kompla billi qal li l-offerta kienet tinkludi mhux biss it-tindif iżda wkoll il-manutenzjoni, tiswija u bdil tal-ħsara li tista' tinqala. Nicholas Zammit qal li d-dokument tal-offerta ma kienx fih imniżżel hekk, dan anke għar-raġuni li Kunsilli oħra meta jsir il-ħsara jixtrulu l-affarijiet huma. Is-Sindku qal li l-Kunsill ma jinteressahx x'jagħmlu kunsilli oħra iżda li jitwettaq dak li hemm fid-dokument tal-offerti. Huwa li li b'dawn il-kundizzjonijiet ma jaċċettax din l-offerta.

Is-Segretarju Eżekuttiv innota li fl-*Specific Conditions* taħt is-sezzjoni tad-*Definitions* hemm din id-definizzjoni:
*'Upkeep' includes the maintenance, repair or replacement of all major and minor items and facilities listed in the current Condition Assessment Report to ensure that they are maintained in the condition described in the same report."*

Biex l-affarijiet ikunu ċari, il-membri tal-Kunsill qablu, kif ukoll is-Zammit, li għandna nitolbu parir lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali peress li l-kundizzjonijiet li hemm fid-dokument tal-offerta ġew ippreparati minnhom. Nicholas Zammit informa lill-Kunsill li l-għada kien ser ikun id-Dipartiment għall-Gvern Lokali u jistaqsi hu wkoll, u jinforma lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jitlob lil Joscar Camilleri biex jibqa jagħti s-servizz tiegħu sakemm tiġi deċiża din l-offerta bil-prezz tal-kuntratt preċedenti.

Il-Viċi Sindku daħal fil-kamra fis-6.00pm.

**3.3 FONQ 05/2010 – *Supply and Delivery of Street Lighting in Various Streets of Fontana***

Il-Kunsill irċieva 2 offerti: Calleja Ltd (€3,672.00) u Richard Cauchi (€20,105.20).

Peress li din l-offerta hi parti ffinanzjata minn Eko-Għawdex, il-membri tal-Kunsill qablu li l-Kunsill għandu jimxi mal-kundizzjonijiet imposti minn din l-iskema.


Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana
Tel: 21558877 Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

Għal din il-laqgħa ġie msejjaħ il-kuntrattur Savio Debrincat li jiġbor l-iskart mil-lokalita' tal-Fontana sabiex jiġu ċċarati xi punti rigward il-kontijiet li kien qiegħed jirċievi l-Kunsill mingħand il-Wasteserv. Il-kuntrattur ikkonferma li tlett darbiet fil-ġimgħa l-iskart miġbur mil-lokalita' tal-Fontana jiġi mħallat ma' dak miġbur mil-lokalita ta' Kercem. Hu qal li mil-lokalita' tal-Fontana jinġabar madwar 900kg kull darba. Il-membri tal-Kunsill qablu li m'għandhomx jitħallsu l-kontijiet lill-Wasterserv qabel jiġu rranġati l-kontijiet peress li dawn huma għal għużin ferm aktar minn dak li jiġi ġenerat fil-Fontana, diversi drabi qiegħed ikun madwar tlett tunnellati kull darba . Il-Kunsill għandu jinforma lill-Wasteserv b'dan.

## 4. MATERJI OĦRA

4.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-GreenMT kien għadhom ma għaddewlniex il-€500 mwiegħda sabiex isir il-ħlas lil Sound & Vision, Portelli Print, u Gozo Wind Band Orchestra, liema spejjeż jirrelataw ma' Jum il-Fontana tal-1 ta' Diċembru 2010. Għaldaqstant, il-membri tal-Kunsill qablu li dawn l-ispejjeż għandu jħallashom il-Kunsill.

4.2 Il-Vici Sindku ppropona li l-Kunsill għandu jħallas l-ispejjeż tas-Sur Charlie Zammit sabiex hu jkun jista' jakkumpanja lill-membri tal-Kunsill fil-lokalita' ta' Zafferana Etnea, dan għar-raġuni li s-Sur Zammit ipprovda l-kuntatti mal-Kunsill ta' din il-lokalita fi Sqallija. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jiċċekja jekk jistax isir dan il-ħlas. Il-Viċi Sindku ppropona li l-Kunsill jipprova jżur din il-lokalita f'Lulju.

4.3 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jitlob lil ETC sabiex ningħataw ħaddiem ieħor taħt l-iskema tal-kommunita sabiex jagħmel xogħol ta' knis fil-lokalita. Il-membri tal-Kunsill qablu.

4.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien sar bukkett tal-fjuri fl-okkażżjoni tal-festa tal-Qalb ta' Ġesu. Hu qal li l-arma tal-Kunsill tneħħiet minn fuq dan il-bukkett. Ġie maqbul li għandha tinkiteb ittra lill-Kappillan sabiex naraw x'kienet ir-raġuni li din l-arma tneħħiet.

4.5 Il-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill li trid tiġi mġedda l-garanzija bankarja li għandu l-Kunsill max-xogħol relatat mat-tindif tal-Wied tax-Xlendi. Il-membri tal-Kunsill qablu.

4.6 Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li l-Ing Galea kien prepara d-dokumenti sabiex inkunu nistgħu ngħadduhom lil Chris Gauci sabiex jagħtina stima biex issir bozza m'arblu fi Triq Mons Mikiel Buttiġieġ.

4.7 Nhar it-12 ta' Ġunju saret Festa Tfal flimkien mal-parroċċa. Attendew is-Sindku u l-Kunsillier Horace Micallef. Għal dan il-għan intużaw il-fondi li l-Kunsill ikkwalifika għalihom taħt Memo 121/2010 - Skema dwar inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2011.

4.8 Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li kienu tqassmu 33 ikla ghall-anzjani li jgħixu waħedhom fl-okkażżjoni tal-festa tal-Qalb ta' Ġesu. Attendew wkoll il-Kunsillieri Victor Cefai u Horace Micallef.

4.9 Il-Kunsillier Horace Micallef ippropona li nitolbu lil Transport Malta l-permess sabiex inkunu nistghu nagħmlu *double yellow lines* fi Triq is-Sajjieda kantuniera ma' Triq Dun Ġużepp Grima. Il-membri tal-Kunsill qablu.

4.10 Il-Kunsillier Horace Micallef ippropona li jinqata l-ħaxix li hemm fi Triq ta' Wara l-Idjar. Is-Sindku qal li dan diġa hu ppjanat li jinqata.


MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana
Tel: 21558877 Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

4.11 Il-Kunsillier Victor Cefai qal li kienu daħlulu xi lmenti li fi Triq il-Kappillan Ġuzepp Hili kien hemm xi ġrieden. Ġie maqbul li nitolbu lill-Awtorita' tas-Sanita' sabiex jagħmlu velenu apposta.

4.12 Is-Sindku ppropona li fil-ġimgħat li ġejjin issir ħarġa soċjo-kulturali ġewwa Malta.

4.13 Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li kien attenda għal seduta oħra fil-Qorti tal-kawża Anthony Cassar kontra l-Kummissarju tal-Artijiet. Is-Sindku ippreżenta *affidavit* bħala risposta għal dak ippreżentat minn Anthony Cassar, quddiem l-Assistent Gudizjarju Aaron Attard Hili.

4.14 Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li kienet saret it-trinka fi ħdejn id-dar numru 243 fi Triq il-Għajn. Din saret wara li kellem lil Inginier Riolo tal-WSC.

4.15 Is-Sindku attenda konferenza fil-lukanda Kempinski San Lawrenz fl-għeluq il-ħamsin sena mit-twaqqif tal-Kunsill Ċiviku.

4.16 Is-Sindku attenda laqgħa tal-Kumitat Regjonali mal-*Gozo Business Chamber* dwar il-proġett ta' mina bejn Malta u Għawdex.

4.17 Ingħata s-*sealer* lil Sqaq Nr.4 fi Triq il-Għajn, kif wkoll nagħta il-permess lil Transport Malta biex jinbidlu is-sinjali tal-*Bus Stops*.

4.18 Ġiet ippubblikata t'tnax il-ħarġa tal-fuljett "Tagħrif mill-Kunsill Tiegħek". Din ġiet mqassma f'kull residenza tal-Fontana. Dan ġie ippreparat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

4.19 Is-Sindku u l-Kunsillier Horace Micallef attendew għal-pontifikal Tan-Nunzju Appostoliku Mons Tommaso Caputo fl-okażżjoni ta' lejliet il-Festa u fl-għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tal-paroċċa, kif ukoll nhar il-Festa għall-pontifikal li tmexxa minn Mons Isqof Mario Grech. Attendew is-Sindku, il-Viċi Sindku, u l-Kunsillieri Victor Cefai u Horace Micallef.

4.20 Dwar il-ħarġa għal Sqallija, tfassal il-program u ser inżuru l-belt ta' Caltagirone, nieklu fl-agri-turiżmu f'San Giacomo, nżuru l-Lago di Santa Rosalia, kif ukoll ċentru kummerċjali f'Ragusa. Il-prezz ser ikun ta' €135 għall-kbar u €92 għat-tfal. Il-Kunsill ser jingħata biljett b'xejn għal kull 35 persuna, minbarra l-ħlas tat-taxxa, kif ukoll discount ta' 10% fuq kull passiġġier. Il-membri tal-Kunsill qablu li jagħmlu użu minn dan id-*discount* għall-membri tal-Kunsill li ser jattendu bħala helpers mat-tour.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30pm. Laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta 31 t'Awissu 2010 fil-5.30pm fis-Sala tal-Komunita'.

| | |
|---|---|
| Karl Vella | Saviour Borg |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |


Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana
Tel: 21558877 Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt